MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Rikors Numru. 13/2002/1

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**vs**

**Carmelo Mallia**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Artijiet li jghid hekk:

Illi l-intimat gie notifikat b'Avviz ghall-Ftehim datat 4 ta' Marzu, 2002 fejn gie nfurmat li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala frank u liberu tal-fond nru 12, fi Triq il-Wied, l-Imsida huwa ta' erbatax-il elf u sitt mitt Lira Maltija (Lm14,600) kif jidher mir-rapport tal-perit Joe Mizzi A&CE tal-15 ta' Novembru 2001 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi ittra ufficjali tal-1 t'April 2002 l-intimat fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' hamsa u ghoxrin elf lira, hames mija u hamsin lira Maltija (Lm25,550).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala frank u liberu l-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Ra illi l-intimat, debitament notifikat bir-rikors promutur, naqas milli jintavola risposta izda fl-ittra ufficjali tieghu tal-1 t'April 2002, kien irrifjuta jaccetta l-valur offert mir-rikorrent u ddikjara li l-pretensjoni tieghu kienet ghall-valur ta' Lm25,550.00.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi l-pretensjoni tal-intimati hija korroborata mix-xhieda esperta minnu mressqa fil-vesti tal-perit arkitett tieghu li xehed illi huwa jivvaluta din l-art fit-total ta' Lm25,550.00.

Illi f'din il-materja l-Bord kien assistit mill-periti teknici tieghu, l-AIC David Pace u l-AIC Frederick Valentino fir-relazzjoni taghhom annessa u formanti parti minn din is-sentenza kkonkludew bil-mod segwenti:

"Huma kkunsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-ligijeit ta' Malta) u partikolarment l-Artikoluj 27 u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-proprjeta ghandha tigi stmata bhala

proprjeta fabrikabbli u li l-valur tal-istess proprjeta’ bhala libera u franka, u kif deskritta fid-dokumenti esibiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont ta’ hamsa w ghoxrin elf lira maltin (Lm25,000) ekwivalenti ghal sitta w erbghin elf hames mija seba ui tmenin ewro u seba u erbghin centezmu (E46,587.77).

Illi ai termini tal-artikolu 25 tal-Kap 88, meta l-membri teknici ikunu unanimi fid-decizjoni taghhom, l-Bord ghandu jiddeciedi skond il-kumpens hekk dikjarat mill-istess membri izda ikun notat illi l-valur ta’ Lm25,000 mhux ekwivalenti ghall-ammont f’ewro erronjament konvertit mill-periti membri izda huwa ekwivalenti ghal tmienja u hamsin elf mitejn erba u tletin euro u tlieta u tletin centezmu (Euro 58,234.33) bir rata ufficjali ta’ .4293.

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimat li jitrasferixxi bhala liberu u frank b’titolu ta’ xiri assolut lir-rikorrenti, l-fond fabrikabbli nru 12, fi Triq il-Wied, l-Imsida u dan versu l-kumpens ta’ tmienja u hamsin elf mitejn erba u tletin euro u tlieta u tletin centezmu (Euro 58,234.33) oltre l-imghax legali spettanti lill-intimat.  Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli  bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-3 ta’ Gunju 2009 fis-2.00pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Alexandra Mizzi LL.M., LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti.  L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------